**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 15/12**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 23 ta' Jannar 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fis-27 ta' Frar 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara u jiddeciedi li huwa hallas taxxa eccessiva li ma kientix dovuta minhabba li l-pagamenti maghmula lilu mis-socjetà XXX Brothers Limited gew erronejament murija bhala pagamenti ta' salarji; u (ii) jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jilqa' t-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' eccess ta' taxxa u jirrifondi tali eccess ai termini ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 4 sa' 56 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) in linea preliminari, ir-Rikors promotur huwa irritu u null stante li l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami in kwantu huwa fl-ebda hin ma ha decizjoni dwar refuzjoni ta' taxxa dovuta ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u tali appell jitratta dwar vertenza li tirrigwarda l-accettazzjoni o meno ta' formoli ta' aggustament tad-dhul dikjarat sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) bla pregudizzju u dejjem in linea preliminari, l-Artikolu 48(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi jipprovdi li *kull persuna li tkun aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju dwar l-ammont li ghandu jithallas*

*lura taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu jkollha l-istess jedd ghall-appell kontra dik id-decizjoni daqslikieku hija kienet aggravata bi stima maghmula dwarha,* in kwantu l-ammonti li huwa kkunsidra kienu dawk dikjarati mir-Rikorrent fil-formoli ta' taxxa kif sottomessi minnu ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009; (iii) skond il-prospetti ta' taxxa kif mibghuta mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009, ir-refuzjoni pretiza mir-Rikorrent qatt ma kienet tirrizulta li kienet dovuta u l-vertenza kienet dwar jekk il-formoli ta' aggustament, sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kienux ammissibbli o meno; (iv) l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u (v) ma hemm l-ebda refuzjoni ta' taxxa dovuta u huwa qatt ma seta' jiehu decizjoni dwar l-ammont ta' refuzjoni ta' taxxa dovuta u ghalhekk l-appell tar-Rikorrent huwa inammissibbli;

Ra d-dokument anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markata Dok. "KTT1" a fol. 65 u 66 tal-process;

Ra s-sentenza preliminari moghtija fit-22 ta' Ottubru 2012[1] bis-sahha ta' liema l-eccezzjoni tan-nullità u rritwalità tar-Rikors promotur sollevata in linea preliminari mill-Kummissarju tat-Taxxi giet milqugha in parte u dana ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009 izda giet michuda in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2004 u 2005;

Ra s-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2015[2] in forza ta' liema l-appell tar-Rikorrent mis-sentenza preliminari tat-22 ta' Ottubru 2012 gie dikjarat irritu u null u konsegwentement dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

Sema' x-xhieda ta' Agnes Parnis in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduti tal-25 ta' Gunju 2013[3], tad-29 ta' Ottubru 2013[4] u tat-3 ta' Frar 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AP1" u Dok. "AP2" a fol. 88 sa' 114 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 119 sa' 137 tal-process, ra l-affidavits tar-Rikorrent u ta' XXX esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fit-13 ta' Jannar 2014 a fol. 141 sa' 143 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 153 sa' 156 tal-process u ra n-Nota Responsiva tar-Rikorrent a fol. 157 sa' 161 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

[1] Fol. 78 sa' 84 tal-process.
[2] Fol. 44 sa' 60 tal-process tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).
[3] Fol. 115 u 116 tal-process.
[4] Fol. 138 u 139 tal-process.
[5] Fol. 146 sa' 149 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li huwa hallas taxxa eccessiva li ma kienetx dovuta minnu tul is-snin 2003 sa' 2008 (snin ta' stima 2004 sa' 2009), stante li pagamenti moghtija lilu mis-socjetà XXX Brothers Limited gew erronejament indikati bhala pagamenti ta' salarji u konsegwentement jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jilqa' it-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' eccess ta' taxxa mhallas minnu u jirrifondi tali eccess ta' taxxa a tenur ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, ir-Rikors promotur huwa irritu u null stante li l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami in kwantu huwa fl-ebda hin ma ha decizjoni dwar refuzjoni ta' taxxa dovuta ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u tali appell jitratta dwar vertenza li tirrigwarda l-accettazzjoni o meno ta' formoli ta' aggustament tad-dhul dikjarat sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) bla pregudizzju u dejjem in linea preliminari, l-Artikolu 48(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi jipprovdi li *kull persuna li tkun aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju dwar l-ammont li ghandu jithallas lura taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu jkollha l-istess jedd ghall-appell kontra dik id-decizjoni daqslikieku hija kienet aggravata bi stima maghmula dwarha,* in kwantu l-ammonti li huwa kkunsidra kienu dawk dikjarati mir-Rikorrent fil-formoli ta' taxxa kif sottomessi minnu ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009; (iii) skond il-prospetti ta' taxxa kif mibghuta mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009, ir-refuzjoni pretiza mir-Rikorrent qatt ma kienet tirrizulta li kienet dovuta u l-vertenza kienet dwar jekk il-formoli ta' aggustament, sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kienux ammissibbli o meno; (iv) l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u (v) ma hemm l-ebda refuzjoni ta' taxxa dovuta u huwa qatt ma seta' jiehu decizjoni dwar l-ammont ta' refuzjoni ta' taxxa dovuta u ghalhekk l-appell tar-Rikorrent huwa inammissibbli.

B'sentenza preliminari moghtija fit-22 ta' Ottubru 2012[6] giet trattata u deciza l-eccezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tar-Rikors promotur sollevata in linea preliminari mill-Kummissarju tat-Taxxi. B'dik id-decizjoni t-Tribunal laqa' in parte l-imsemmija eccezzjoni in kwantu rigwarda l-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra tieghu ta' l-24 ta' Jannar 2012[7] ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009 fejn appuntu gharraf lir-Rikorrent illi *those* [il-Formoli ta' Aggustament sottomessi mir-Rikorrent] *for years of assessment 2006 to 2009 are being acknowledged and processed. However, an audit enquiry will be initiated on these years in the forthcoming days*, filwaqt li cahad l-

---

[6] Fol. 78 sa' 84 tal-process.

[7] Dok. "C" a fol. 50 tal-process.

istess imsemmija eccezzjoni fir-rigward tad-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra datata 24 ta' Jannar 2012 in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2004 u 2005 fejn iddikjara illi *the further returns for year of assessments 2004 and 2005 are time-barred and thus cannot be accepted as valid*, u ordna l-prosegwiment tal-kawza limitatament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005. Ghalkemm ir-Rikorrent appella mis-sentenza preliminari tat-22 ta' Ottubru 2012, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2015, l-appell tieghu gie dikjarat irritu u null stante li ma gietx segwita il-procedura prevista fl-Artikolu 231 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli meta f'kawza wahda jinqatghu diversi kwistjonijiet b'sentenzi separati u l-Qorti konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess appell.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal ghandu issa jiddetermina t-talbiet tar-Rikorrent avvanzati fir-Rikors promotur limitatament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 fid-dawl ta' l-affermazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, minnu ulterjorment sostnuta fir-raba' eccezzjoni tieghu, senjatament fil-paragrafu (d), li *further returns for years of assessment 2004 and 2005 are time-barred and thus cannot be accepted as valid.*

A tenur ta' l-Artikolu 13(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta *persuna li tkun baghtet prospett ta' l-income tista' f'kull zmien qabel ma ssir stima taht l-artikolu 31 taghmel dawk il-korrezzjonijiet jew zjidiet f'dak il-prospett li tqis mehtiega billi tibghat prospett iehor b'dak il-mod u fuq dik il-formola li tista' tigi preskritta,* izda fis-subartikou (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jinsab puntwalizzat illi *meta prospett iehor li jsir skont is-subartikolu (3) ghar-rigward ta' xi sena ta' stima jkun juri* ***tnaqqis fit-taxxa li ghandha tithallas minn, jew zjieda fit-taxxa li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna minn kif kien jidher fil-prospett ta' qabel, l-ahhar prospett m'ghandu jkollu ebda effett ghall-ghanijiet ta' dan l-Att jekk isir iktar tard minn hames snin mill-iskadenza ta' dik is-sena ta' stima***[8].

Mill-atti processwali u b'mod partikolari mid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur jirrizulta li l-ewwel darba li r-Rikorrent issottometta Formoli ta' Aggustament a tenur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 kien fil-**15 ta' Dicembru 2009**[9], u cioè entro t-terminu ta' hames snin prefiss fil-Ligi. Dawk il-Formoli ta' Aggustament però ma gewx accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi u fi Frar 2010 l-istess inbaghtu lura lir-Rikorrent. Mix-xhieda ta' Agnes Parnis in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, jirrizulta li l-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 ma gewx accettati ghaliex *l-FSS data ma tistax tigi*

[8] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[9] Formula ta' Aggustament ghas-sena ta' stima 2004 a fol. 37 u 38 tal-process u Formula ta' Aggustament ghas-sena ta' stima 2005 a fol. 29 u 40 tal-process.

*reversed*[10], fatt dan li kien maghruf lir-Rikorrent tant illi fin-Nota Responsiva tieghu osserva li *fit-3 ta' Frar 2010, l-imsemmija formoli ta' aggustament intbaghtu lura lir-rikorrent in kwnatu ma setghux jigu accettati u dan ghaliex ma kienux jikkorrispondu mad-dikjarazzjonijiet fil-formoli tal-Final Settlement System (FSS) mibghuta mill-pagatur XXX Brothers Limited.* In segwitu ghar-ritorn ta' dawn il-Formoli ta' Aggustament, kif premess mir-Rikorrent stess, *sar meeting fit-22 ta' Frar 2010 bejn rapprezentanti tar-rikorrent u l-Kummissarju biex jiddiskutu l-kaz. Imma sfortunatament dan ma wassalx ghal xi qbil*[11]. Kien biss f'Dicembru 2011, senjatament fil-**31 ta' Dicembru 2011**, li r-Rikorrent rega' ssottometta l-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 flimkien ma' talba ghar-refuzjoni tat-taxxa skontu mhallsa in eccess fis-sena 2003 u fis-sena 2004, a tenur ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Meta dawn il-fatti jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta evidenti li fil-31 ta' Dicembru 2011 kienu lahqu ghaddew iktar minn hames snin mill-iskadenza tas-sena ta' stima 2004 u mill-iskadenza tas-sena ta' stima 2005 u r-Rikorrent ma setghax u bhala fatt kien prekluz milli jissottometti Formoli ta' Aggustament ghall-imsemmija snin ta' stima li bihom juri tnaqqis fit-taxxa li huwa kellu jhallas fl-istess imsemmija snin ta' stima. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi gustament ma accettax tali Formoli ta' Aggustament a bazi tal-fatt li *returns for year of assessments 2004 and 2005 are time-barred and thus cannot be accepted as valid*[12].

Fin-Nota Responsiva tieghu r-Rikorrent jissottometti li: *huwa dikjarat b'mod car u inekwivoku fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 13 tal-Kap.372 … li l-esponent kellu dritt jibghat l-formola ta' aggustament fiz-zmien preskritt mil-ligi u f'dan it-terminu f'kull zmien 'qabel ma ssir stima taht l-artikolu 31'. Ghaldaqstant jidher bic-car li ghall-kuntrarju ta' dak li qieghed isostni r-rikorrent il-fatt li fi Frar 2010 ir-rikorrent innotifika lill-esponent bid-decizjoni li tali formoli kienu qed jigu 'rejected' ma setghax jinftiehem jew jigi meqjus li dawk il-formoli ta' aggustament jitqiesu li qatt ma gew sottomessi mill-esponent fil-15 ta' Dicembru 2009. Kif ukoll, ladarba l-ligi … taghti d-dritt lit-taxpayer li jissottometti formoli ta' aggustament qabel issir xi stima mill-Kummissarju jindika li l-Kummissarju kieku ma qabilx mal-formoli ta' aggustament kellu iter preciz dettat mill-ligi x'jsegwi u ghaldaqstant seta' hareg stima lit-taxpayer fuq is-snin ta' stima in kwistjoni. Illi r-raguni moghtija mir-rikorrent ghar-rifjut tal-formoli ta' aggustament jigifieri li ma kienux jikkorispondu ma' dak iddikjarat mill-kumpanija XXX Brothers Limited fid-dokumentazzjoni ta' l-F.S.S. ma jiggustifikax l-agir tar-rikorrent li ma jsegwix l-iter stabbilit mill-ligi galadarba l-esponent issottometta l-formoli ta' aggustament fir-rigward ta' l-F.S.S. ukoll sabiex appuntu tigi*

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2014, fol. 146 sa' 149 tal-process.
[11] Para. 4 tar-Rikors promotur.
[12] Ittra datata 24 ta' Jannar 2012, fol. 50 tal-process.

*korretta d-diskrepanza bejn il-formoli ta' aggustament (rigward self-assessment) u l-formoli ta' l-F.S.S. Illi r-rifjut tal-formoli ta' aggustament min-naha tar-rapprezentant tar-rikorrent fi Frar ta' l-2010 ma jistax jigi interpretat li l-esponent ma ssottomettiex l-formoli ta' aggustament fit-terminu preskritt mill-ligi ghax jekk dan ikun il-kaz ifisser li minkejja li t-taxpayer ghandu d-dritt li jissottometti formoli ta' aggustament skond l-artikolu 13 tal-Kap. 372, dan id-dritt jista' jigi michud semplicement ghax rapprezentant tar-rikorrent jiddeciedi li ma jaccettax il-formoli ta' aggustament u b'konsegwenza fejn l-metodi kif it-taxpayer jista' jinterrompi il-preskrizzjoni fir-rigward ta' l-ezercizzju tad-drittijiet imharsa mill-Ligi, jigu michuda lilu b'mod diskrezzjonali u suggettiv. Illi ghaldaqstant l-azzjoni ta' l-esponent li jerga' jissottometti l-istess formoli ta' aggustament u formoli ta' F.S.S. aggustati f'Dicembru 2011 kienet saret b'referenza ghas-sottomissjoni li kienet diga saret l-ewwel darba fil-15 ta' Dicembru 2009, u ma jfissirx li s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni fil-15 ta' Dicembru 2009 tigi injorata daqslikieku qatt ma saret. Filfatt b'referenza ghall-ittra ta' l-esponent datata 14 ta' Frar 2011 imma mibghuta f'Dicembru 2011, l-esponent kien diga spjega lir-rikorrent li s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kienet qed terga' ssir min-naha tieghu ghax ma jaqbilx li r-rikorrent rrifjuta din id-dokumentazzjoni minghajr ma segwa l-iter stabbilit mill-ligi li jaghmel stima kif spjegat iktar 'l fuq*[13].

Fil-fehma tat-Tribunal però dak sottomess mir-Rikorrent ma huwiex guridikament korrett u bl-ebda mod jista' jwassal biex jitqies li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-24 ta' Jannar 2012 fir-rigward tal-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 hija zbaljata.

Jibda biex jigi osservat li dak provdut fl-Artikolu 13(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *persuna li tkun baghtet prospett ta' l-income tista' f'kull zmien qabel ma ssir stima taht l-artikolu 31 taghmel dawk il-korrezzjonijiet jew zjidiet f'dak il-prospett li tqis mehtiega billi tibghat prospett iehor b'dak il-mod u fuq dik il-formola li tista' tigi preskritta*, ma jistax jigi interpretat bil-mod kif pretiz mir-Rikorrent, u cioè li f'kaz li l-Kummissarju tat-Taxxi ma jaccettax bhala korretti jew validi l-Formoli ta' Aggustament sottomessi minn *taxpayer* allura ghandu bil-fors johrog stima fil-konfront ta' dak l-istess *taxpayer*. Dana japplika iktar u iktar fil-kaz in ezami fejn bil-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 minnu sottomessi r-Rikorrent effettivament ried inaqqas id-dhul dikjarat minnu fid-Dikjarazzjonijiet tat-Taxxa originali tieghu bil-konsegwenza li jkollha tonqos it-taxxa dovuta ghas-snin ta' stima in kwistjoni. B'hekk fil-kaz in ezami, fejn il-Kummissarju qed jaccetta bhala korrett dak dikjarat mir-Rikorrent fid-Dikjarazzjonijiet ta' Taxxa tieghu ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 dwar id-dhul mis-socjetà XXX Brothers Limited, l-istess Kummissarju ma setghax johrog stima fil-konfront tar-Rikorrent ghall-hlas ta' taxxa ulterjuri skontu dovuta ghas-snin ta' stima in

[13] Para. 14 sa' 16 tan-Nota Responsiva tar-Rikorrent, fol. 165 u 166 tal-process.

kwistjoni u lanqas seta' jiddetermina li kienet dovuta xi refuzjoni lir-Rikorrent ghaliex il-bazi originali tar-rifjut tal-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 kienet proprio li l-ammonti dikjarati fl-FSS ma jistghux jigu *reversed*.

Ghalkemm ir-Rikorrent jibbaza din is-sottomissjoni tieghu fuq il-fatt li fl-Artikolu 13(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta hemm provdut li *taxpayer* jista' jissottometti Formola ta' Aggustament ghal sena/snin ta' stima partikolari *qabel ma ssir stima taht l-Artikolu 31* ..., fil-fehma tat-Tribunal ir-referenza fl-Artikolu 13(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-Artikolu 31 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar stimi li l-Kummissarju tat-Taxxi jista' johrog ghas-sena ta' stima 1999 jew snin ta' stima sussegwenti, ghandha tigi interpretata b'mod wiehed biss: *taxpayer* jista' **volontarjament u mhux fuq direzzjoni specifika tal-Kummissarju tat-Taxxi** (li hija s-sitwazzjoni kontemplata fis-subartikoli (1), (2) u (6) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi) jaghmel korrezzjoni fid-Dikajrazzjoni tat-Taxxa originali tieghu permezz ta' Formola ta' Aggustament ghal sena/snin ta' stima partikolari **biss qabel** ma' tinhareg stima fil-konfront tieghu a tenur ta' l-Artikolu 31.

Apparte minn hekk hemm fattur ferm importanti li qed jigi ghal kollox injorat mir-Rikorrent dwar it-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè il-fatt li dak it-terminu huwa kjarament wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quell termine, anzicche di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quell termine, quell' atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciò che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza* [14] u ghalhekk ghalkemm il-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 gew sottomessi fil-15 ta' Dicembru 2009, un volta li dawn ma gewx accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi u ntbaghtu lura lir-Rikorrent, it-terminu ta' hames snin baqa' ghaddej u ma gie bl-ebda mod interrott jew sospiz bil-konsegwenza ghalhekk li meta r-Rikorrent rega' ssottomettiehom fil-31 ta' Dicembru 2011, ossia ben sentejn wara, it-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kien lahaq iddekorra kemm ghall-Formola ta' Aggustament ghas-sena ta' stima 2004 kif ukoll ghall-Formola ta' Aggustament ghas-sena ta' stima 2005.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-Rikorrent ma humiex ammissibbli in kwantu kif gustament deciz mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-decizjoni tieghu notifikata lir-Rikorrent b'ittra datata 24 ta' Jannar 2012, it-terminu ta' hames snin ghas-sottomissjoni ta' Formoli ta'

[14] Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1920, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Volum XXIV – I – 276.

Aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 a tenur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap372 tal-Ligijiet ta' Malta, iddekorra.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad it-talbiet tar-Rikorrent in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2004 u 2005, kif avvanzati minnu fir-Rikorsipprezentat fis-27 ta' Frar 2012.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrent li minn issa qed jigi infurmat bid-dritt tieghu ta' appell fuq punt ta' ligi biss entro ghoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**